

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2007/2076(INI)

11.10.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu: mill-wegħdiet għall-azzjoni
(2007/2076(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eugenijus Maldeikis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Iqis li l-politika dwar il-kummerè hija element ewlieni sabiex ikunu żgurati l-istabilità politika u l-iżvilupp ekonomiku li jwassal għal tnaqqis fil-faqar fin-Nofsinhar tal-Kawkasu u li hija kruċjali għal aktar integrazzjoni bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Kawkasu; jenfasizza li, fir-rigward tal-politika tal-kummerè, trid titqies id-dimensjoni soċjali;
2. Jenfasizza l-pożizzjoni ġeopolitika ta' l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan f'relazzjoni mar-Russja, l-Iran u t-Turkija, u l-interess li qed jiżdied ta' qawwiet ekonomiċi oħra, bħar-Russja, l-Istati Uniti u ċ-Ċina f'din iż-żona; iqis li għalhekk huwa ta' l-akbar importanza li l-koperazzjoni man-Nofsinhar tal-Kawkasu tingħata l-ogħla prijorità, mhux l-inqas fi kwistjonijiet marbuta ma' l-enerġija;
3. Iqis bħala importanti ħafna li jitqiesu l-livelli differenti ta' żvilupp fost il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u bejn dawn il-pajjiżi u l-UE; għaldaqstant jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-pajjiżi jingħataw id-dritt li jikkontrollaw il-pass li bih jiftħu s-swieq tagħhom u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali;
4. Jilqa' l-inklużjoni ta' l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan fil-Politika Ewropea għall-Viċinanzi, li hija strument sinifikanti għat-titjib tal-kummerè bilaterali ma' l-UE, jekk jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-partijiet kollha kkonċernati; iħeġġeġ lit-tliet pajjiżi biex jimplementaw id-dispożizzjonijiet kollha li huma rilevanti għall-kummerè fil-Ftehimiet ta' Sħubija u Koperazzjoni rispettivi tagħhom; jemmen li aktar approssimazzjoni regolatorja ma' l-'acquis communautaire' dwar kwistjonijiet speċifiċi marbuta mal-kummerè tgħin lit-tliet pajjiżi biex iżidu u jiddiversifikaw l-esportazzjonijiet;
5. Jinnota l-progress milħuq fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu fir-rigward ta' l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tikkonforma ma' standards tad-drittijiet tal-bniedem u jenfasizza l-ħtieġa li jsiru sforzi kontinwi sabiex jissaħħa aktar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-libertajiet fundamentali, għaliex dawn huma ta' importanza kbira għaż-żamma ta' ambjent favorevoli għan-negozju u għat-titjib fl-interazzjoni kummerċjali bejn in-Nofsinhar tal-Kawkasu u l-UE;
6. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun iffaċilitat ir-reġim ta' l-għoti tal-viżi bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u l-UE bħala strument sabiex tissaħħa il-koperazzjoni ekonomika u kummerċjali u sabiex tiġi żviluppata aktar il-Politika Ewropea tal-Viċinanzi;
7. Jemmen li l-objettivi li kienu stipulati fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali se jintlaħqu u li dan se jiżgura l-iżvilupp u l-progress soċjali u ekonomiku kif ukoll koperazzjoni aktar mill-qrib bejn in-Nofsinhar tal-Kawkasu u l-UE;
8. Jistieden lill-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex isaħħu l-impenn tagħhom billi joħolqu inċentivi ekonomiċi sabiex jinkuraġġixxu koperazzjoni reġjonali msaħħa fiż-żona, inkluż

kummerċ intern imtejjeb bejn it-tliet pajjiżi, approċċ komuni għall-enerġija, it-trasport, l-ambjent, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-edukazzjoni kif ukoll inizzjattivi għall-koperazzjoni reġjonali għall-infurzar tal-liġi; jenfasizza l-importanza għall-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan tal-koperazzjoni ġewwa r-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

9. Jenfasizza li l-Ġeorġja u l-Armenja għandhom jikkonformaw bis-sħiħ ma' l-obbligi tad-WTO wara li saru parti mid-WTO fis-sena 2000 u fl-2003, rispettivament; jappoġġja l-adeżjoni ta' l-Ażerbajġan għad-WTO;
10. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizzjattiva tal-Kummissjoni biex twettaq studju ta' fattibiltà li għandu jiġi mitmum u ppubblikat mill-aktar fis possibbli sabiex tevalwa l-possibiltà ta' Ftehimha profonda ta' Kummerċ Fieles mal-Ġeorġja u l-Armenja; jemmen li ftehim bħal dan ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat;
11. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis l-implimentazzjoni ta' l-istandards fundamentali tax-xogħol bħala element permanenti fil-konsultazzjonijiet bilaterali fil-livelli kollha;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimplimentaw miżuri biex jiżguraw li l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan jibbenefikaw kemm jista' jkun mis-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi;
13. Jisħaq fuq il-bżonn ta' riformi regolatorji u tas-suq, id-definizzjoni ta' standards għaċ-ċertifikazzjoni ta' importaturi, esportaturi u trasportaturi, l-implimentazzjoni ta' standards sanitarji u fitosanitarji, it-tisħiħ tal-kontrolli tad-dwana, l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni ta' leġislazzjoni tad-dwana u strateġija koerenti għall-kontroll tal-fruntieri għat-tliet pajjiżi;
14. Jistieden lill-gvernijiet tal-Ġeorġja, l-Armenja u l-Ażerbajġan biex itejbu l-klima ta' l-investment bil-għan li tkun imsaħħa l-fiduċja ta' l-investituri u biex jieħdu miżuri biex jistimulaw aktar tkabbir ekonomiku; jinkuraġġixxi lit-tliet gvernijiet biex jiżviluppaw u jsaħħu l-politiki reġjonali tagħhom, u jiġġeneraw u jimplimentaw miżuri effettivi; iħeġġiġhom biex jikkumbattu l-korruzzjoni b'mod effettiv. madankollu jenfasizza li xi pajjiżi għamlu aktar progress sabiex jindirizzaw il-korruzzjoni minn oħrajn.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	9.10.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Kader Arif, Carlos Carnero González, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Glyn Ford, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Eduard Raul Hellvig, Jacky Henin, Sajjad Karim, Alain Lipietz, Caroline Lucas, Marusya Ivanova Lyubcheva, Erika Mann, Helmuth Markov, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Vasco Graça Moura, Eugenijus Maldeikis
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Jean Louis Cottigny